# DIKJARAZZJONI TAĊ-ĊITTADINI DWAR L-IBLIET TA' GĦADA
# (Sinteżi)

*Aħna grupp ta' sitta u għoxrin ċittadin Ewropew ta' pajjiżi, etajiet u xogħlijiet differenti. M'aħniex esperti professjonisti dwar l-iżvilupp sostenibbli iżda, bħala ċittadini komuni, ngħixu u naħdmu fl-ibliet ta' l-Ewropa.*

Id-Direttorat Ġenerali għar-Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea talabna nagħtu l-viżjoni u t-tamiet tagħna dwar il-ġejjieni ta' l-ibliet tagħna u l-fehma tagħna dwar il-programm ta' riċerka ta' l-UE 'L-Ibliet ta' Għada'. Għall-ewwel darba fl-istorja, il-Kummissjoni Ewropea fittxet b'mod attiv il-fehma taċ-ċittadini Ewropej dwar il-politika Ewropea permezz tal-programm "RAISE" tagħha.

Bdejna minn każi konkreti pprżentati f'sensiela ta' laqgħat ta' ħidma, qabbilnihom ma' l-esperjenzi tagħna u żviluppajna l-opinjonijiet tagħna dwar dawn it-temi:
► Il-governanza urbana
► It-trasport sostenibbli
► L-ambjent mibni sostenibbli
► Il-wirt kulturali
Mid-diskussjonijiet tagħna, iddeċidejna li tema oħra, l-Edukazzjoni, l-aktar għas-sostenibbiltà, hija fundamentali għas-suċċess tat-temi l-oħra.

## Konklużjonijiet ġenerali

**L-ewwelnett**, dak li kkonkludejna dwar l-investigazzjonijiet tagħna fl-erba' oqsma li ħdimna fuqhom:

► Leħen iċ-ċittadini, inkluż dawk li kienu mmarġinalizzati fl-imgħoddi, għandu jiġi inkorporat fil-governanza urbana kemm fl-Istati Membri antiki kif ukoll f'dawk ġodda. Il-fiduċja tista' tikber biss jekk tkun reċiproka, u huwa biss jekk il-mexxejja tagħna jkunu lesti jisimgħu u jirrispettaw il-fehmiet tagħna, li mbagħad in-nies jirreċiprokaw u jieħdu r-responsabbiltà għall-azzjonijiet tagħhom.

► Hija meħtieġa bidla radikali fid-drawwiet tat-**trasport** sabiex ngħinu l-bidla lejn użu tat-trasport aktar sostenibbli: is-soluzzjonijiet tekniċi waħedhom mhumiex se jsolvu l-problemi tas-sostenibbiltà

► **Ambjent mibni aktar sostenibbli** jiddependi minna; li mmorru lil hinn minn soċjetà mmexxija mill-konsum li tara l-'ġdid' bħala dejjem supejuri għall-'qadim' jew l-'antik'. Irridu nitgħallmu l-valur ta' l-użu mill-ġdid ta' dak li għandna diġà, minflok narmuh sabiex indaħħlu l-ġdid. Dan japplika, fost l-oħrajn, għat-tiġdid tal-provvista tad-djar, l-użu mill-ġdid ta' siti li m'għadhomx jintużaw (*brownfield sites*), iż-żamma u t-tiswija ta' l-oġġetti tal-konsumatur jew ir-riċiklaġġ tal-materjali.

► Bl-istess mod, irridu niffukaw fuq l-integrazzjoni sostenibbli tal-**wirt kulturali** fil-ħajja ta' kuljum, u nħeġġu lin-nies japprezzaw l-importanza tal-wirt kulturali varju li naqsmu lkoll flimkien u jħossuhom sidien tiegħu huma wkoll.

**It-tieni**, x'inhu, hawn u issa, prattikament sinfikanti f'dawn l-oqsma kollha:

► Hemm ħtieġa urġenti ta' kuxjenza u **edukazzjoni** akbar dwar is-sostenibbiltà, u l-implikazzjonijiet ta' x'jista' jiġri jekk inkomplu għaddejjin kif aħna fit-triq insostenibbli. Sikwit, l-għażliet tagħna jsiru mingħajr biżżejjed tagħrif u mingħajr ma nifhmu l-prezz moħbi li jitħallas għall-azzjonijiet tagħna. Jekk ikollna l-parteċipazzjoni dwar il-kwistjonijet u t-temi u ningħataw idea ċara ta' l-

implikazzjonijiet ta’ l-għażla, in-nies ikunu jistgħu jagħmlu l-għażliet tagħhom sabiex jagħmlu differenza f’ħajjithom ta’ kuljum.

- ► Kemm-il darba jkunu l-inizjattivi **lokali** u fuq skala żgħira li jirnexxu l-aktar, billi jiġbdu n-nies lejhom u jgħinuhom jieħdu impenn lejn il-ħolqien ta’ titjib f’ħajjithom ta’ kuljum li jista jarah kulħadd. L-islowgan ‘Aħseb globalment, Aġixxi lokalment’, mhijiex sempliċi klixé.
- ► Min-naħa l-oħra, sikwit l-esperjenza f’qasam wieħed tista’ tintuża mkien ieħor. Fil-komunità tagħna, għandna firxa kbira ta’ għarfien dwar ‘x’jaħdem u x’ma jaħdimx’. Inkunu qed nitilfu opportunità jekk nonqsu milli nxerrdu dan l-**għarfien**.

**Konklużjonijiet dwar il-Governanza Urbana**

**Governanza urbana** fqira twassal għal riżultati foqra. Dan ir-riżultat narawh, fost l-oħrajn, fl-iżvilupp bla rażan, il-prezzijiet għolja wisq għax-xiri u l-kiri tad-djar, sistemi tat-trasport li mhumiex integrati, u l-qerda ta’ l-ispazji ħodor. Inqisu l-Governanza Urbana bħala strument għall-istrutturar tar-relazzjoni bejn il-belt u ċ-ċittadin. Dan jinkludi wkoll sħubijiet bejn il-pubbliku u l-privat u l-atturi kollha li joperaw fil-belt.

Ir-riċerka li studjajna għandha x’taqsam primarjament ma’ l-involviment taċ-ċittadini kollha. Settur ewlieni jirċeivi stħarriġ limitat wisq. Dan is-settur huwa magħmul minn gruppi marġinalizzati u nies vulnerabbli bħaż-żgħar u ż-żgħażagħ, l-anzjani u l-foqra, l-immigranti u l-migranti, il-ġenituri mhux f’koppja, in-nies bla djar jew li jgħixu ħajjithom jivjaġġaw minn post għall-ieħor.

- Nirrakkomandaw għalhekk li r-riċerka ġejjiena sponsorjata mill-UE tiffoka ħafna aktar fuq is-sehem taċ-ċittadini marġinalizzati u l-integrazzjoni tagħhom fil-governanza urbana.

- Nipproponu li r-riċerka għandha ssir fuq id-differenzi bejn l-Istati Membri ġodda u antiki li għandhom x’jaqsmu mal-parteċipazzjoni demokratika, bil-għan li jkun hemm skambju ta’ prassi tajba i.e. li ngħallmu u nitgħallmu fl-istess ħin u nrawmu t-tiġdid demokratiku.l

- Sabiex iċ-ċittadini jkollhom sehem sħiħ fil-komunitajiet tagħhom u l-mod li bih jitmexxew, jeħtieġ li jkun hemm biżżejjed riżorzi biex tiġi ffaċilitata din l-azzjoni. Il-politiċi għandhom ukoll jiġu mmotivati biex jippromwovu dan il-proċess. Ix-xogħol indipendenti jew volontarju mhuwiex is-soluzzjoni.
  Il-governanza urbana għandha tipprovdi deċiżjonijiet pubbliċi minflok deċiżjonijiet individwalment ikkonċentrati. Il-politiċi għandhom jaħdmu flimkien maċ-ċittadini, u jonfqu aktar flus fuq:
    - ✓ it-tixrid ta’ l-informazzjoni,
    - ✓ l-organizzazzjoni tal-laqgħat,
    - ✓ sessjonijiet ta' smigħ pubbliku
    - ✓ it-tfassil ta’ għodod u metodi innovattivi għall-governanza
    - ✓ kampanji ta’ tagħlim u ta’ konvinzjoni dwar il-miżuri tal-governanza kif ukoll mezzi oħra biex iċ-ċittadini jiġu involuti fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet.

**Konklużjonijiet dwar it-Trasport sostenibbli**

**Il-mobilità** hija kwistjoni ċentrali f’ħajjitna ta’ kuljum, u hija wkoll wieħed mill-ewwel sorsi tal-problemi li nħabbtu wiċċna miegħu ta’ kuljum. Taffetwalna ħajjitna b’diversi

modi ambjentalment, ekonomikament u soċjalment. Marbutin hemm għadd ta' problemi li għandhom x'jaqsmu mal-kwalità tal-ħajja li aħna nqisuhom importanti meta relatati mat-trasport: it-tniġġis (u l-konsegwenzi tiegħu għal saħħet in-nies), il-problemi tat-traffiku (bl-ispejjeż u l-konsegwenzi marbuta miegħu f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħin u l-flus) u l-inċidenti (b'aktar minn 4,000 mewta u ħafna aktar midruba kull sena fuq it-toroq Ewropej).

Ir-riċerka ta' l-UE qiegħda tindirizza bosta aspetti tal-problemi msemmija. Konxji minn tendenza fis-soċjetà tagħna u fir-riċerka favur soluzzjonijiet teknoloġiċi (eż. vetturi robotiċi futuristiċi) billi jidhru li joffru soluzzjonijiet faċli għal kwistjonijiet kumplessi ħafna. Dan wassal u għadu jwassal għal żviluppi li jiswew ħafna flus u jistgħu jkunu prestiġjużi iżda fl-aħħar mill-aħħar ma jindirizzawx il-kwistjonijiet kruċjali. It-trasport sostenibbli jitjieb biss jekk jiġu inidrizzati l-ewwel u qabel kollox l-imġiba, il-motivazzjoni u l-ħtiġijiet tan-nies. Ninsabu wkoll imħassba dwar nuqqas ta' effiċjenza fit-tixrid ta' l-aħjar prassi li ġiet żviluppata f'diversi bliet Ewropej. Nissuġġerixxu li jitjiebu l-isforzi sabiex eżempji li rnexxew jistgħu jixterdu u jinqasmu aktar fil-pront bejn bliet differenti.

Naraw pożittivi l-isforzi għall-integrazzjoni tal-kwistjonijiet tat-trasport fl-ewwel stadji ta' l-ippjanar urban. Naħsbu wkoll li l-aktar tema importanti tar-riċerka u ta' l-azzjoni politika għandha tkun il-bidla tad-drawwiet tat-trasport tan-nies b'mod aktar kreattiv milli bil-mod kif s'issa ġiet indirizzata l-kwistjoni (eż. permezz tal-prezzijiet tat-trasport, il-qsim tal-vjaġġ fil-karozza, eċċ)

Rajna proġetti ta' riċerka li jagħfsu fuq il-kwistjonijiet teknoloġiċi - qed nissuġġerixxu aktar riċerka fil-qasam soċjo-ekonomiku bħal:

- ► Għala n-nies jużaw trasport aħdar (bħat-trasport pubbliku, il-mixi, iċ-ċikliżmu, il-qsim tal-karozzi eċċ.) jew għala jaqilbu mill-użu ta' karozza individwali għal modi ta' trasport aktar sostenibbli.
- ► Informazzjoni fuq għażliet ta' mobilità għaċ-ċittadini (eż. liema alternattiva għall-karozza? X'inhuma r-relazzjonijiet ta' l-ispejjeż? Ħinijiet, nollijiet, intermodalità...).
- ► It-titjib tal-kompatibilità tas-sistemi tat-trasport fl-ibliet Ewropej, eż. sistemi ta' qsim tal-karozzi madwar l-UE kollha, l-għarfien tat-tesseri ta' l-ivvjaġġar ta' bliet oħra.
- ► Liema titjib jista' jikkontribwixxi sabiex it-trasport pubbliku jiġbed aktar nies lejh? (eż. aktar infrastruttura u servizzi fil-vaguni. servizz ta' l-internet, imwejjed, kmamar għal-laqgħat, lezzjonijiet tal-lingwi, gazzetti, .....).
- ► Kwistjonijiet ta' saħħa kkawżati minn wisq traffiku.
- ► Mudelli ta' politika sabiex jinstabu metodi effettivi għall-inkoraġġiment ta' oqsma tal-politika relatati (eż.: politiki ekonomiċi, tax-xogħol, ta' l-iżvilupp reġjonali, industrijali, tat-tassazzjoni) sabiex tiġu inkorporata l-ħtieġa għall-bidla u t-tnaqqis fit-trasport.

**<u>Konklużjonijiet dwar l-Ambjent Mibni Sostenibbli</u>**

Ġejjieni aktar sostenibbli għall-bnedmin jeħtieġ approċċ li jivvaluta mill-ġdid dak li huwa diġà meqjus bħala bla siwi. L-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ għadhom meqjusa bħala mhux attraenti fil-kulturi tagħna, u kull mhu ġdid jitiqes aħjar minn dak li huwa użat. Għal ġejjieni sostenibbli, dan għandu jinbidel. L-użu mill-ġdid, ir-reklamazzjoni u t-tiġdid għandhom ikunu l-azzjonijiet għall-belt ta' għada. Il-bini mill-ġdid huwa aktar

sostenibbli mill-bini ġdid, iżda ma jistax jikkompeti ma’ l-ispejjeż tal-bini irħas f’żoni fejn l-iżvilupp urban huwa mgħaġġel u mifrux.

Il-proġetti ta’ riċerka ta’ l-UE ittrattaw diversi oqsma li għandhom jiġu affrontati fl-ambjnet mibni ta' l-ibliet tal-ġejjieni. Dawn huma **l-iżvilupp urban bla rażan, l-ispazji ħodor fl-ibliet, it-teknoloġiji tal-bini, u s-siti mhux użati.**

Fir-rigward ta’ **l-Iżvilupp bla Rażan**, l-użu kbir tal-karozzi biddel bosta ċentri ta’ l-ibliet f’żoni b’aċċess diffiċli. It-trasport, il-provvista ta’ l-ilma, l-enerġija, is-sistemi tad-drenaġġ huma mibnija biex jissupplixxu u jservu d-djar il-ġodda, u b’dan il-mod tonqos il-kampanja u jinqerdu l-ħabitats naturali. Żoni urbani akbar inaqqsu l-interazzjoni soċjali, joħolqu l-iżolament soċjali u jippromwovu s-segregazzjoni u l-indifferenza. Bħala ċittadini, ir-rakkomandazzjonijiet għar-riċerka għall-ġejjieni jinkludui:

- ► Li tgħallem liċ-ċittadini dwar l-enerġija u s-sostenibbiltà u tinkoraġġihom jaġixxu kif xieraq.
- ► It-titjib ta’ ċert zoni aktar żvantaġġjati ta’ l-ibliet billi jitnaqqas l-istorbju u t-traffiku u tiżdied il-kwalità ta’ l-ispazji u l-mobilità għal min jimxi.
- ► Li żżid l-użu mill-ġdid ta’ bini vojt eżistenti.
- ► Żieda fit-taxxi għall-iżvilupp u l-bini bla rażan, u investiment dirett ta’ dawn it-taxxi fl-infrastrutturi meħtieġa.

**L-ispazji ħodor** huma kruċjali għaliex iwettqu bosta funzjonijiet – itejbu l-kwalità ta’ l-arja, joħolqu ħabitats għall-flora u l-fawna, joffru spazju għal rilassament sikur u san, għal-logħob tat-tfal u għall-isport, jipprovdu l-benessri uman fl-ibliet (inaqqsu l-istress u jkabbru l-kuxjenza tan-nies dwar in-natura u ċ-ċikli tagħha). Ir-riċerka sponsorjata mill-UE għandha tagħfas fuq:

- ► iż-żieda fil-bijodiversità għal “natura aktar naturali”;
- ► l-integrazzjoni tal-bijologi f’timijiet għall-ippjanar ta’ l-ibliet;
- ► l-użu ta’ inqas teknoloġija u kimika;
- ► l-integrazzjoni tan-nies qiegħda fil-manutenzjoni;
- ► l-ippjanar ta’ tixrid u tqassim aħjar ta’ żoni ħodor;
- ► li ż-żoni ħodor ikunu jinfdu sabiex jgħinu l-migrazzjoni ta’ l-ispeċijiet ta’ l-annimali u tal-pjanti
- ► l-integrazzjoni tal-*playgrounds* tat-tfal u l-faċilitajiet sportivi;
- ► it-tixrid ta’ l-għarfien mill-proġetti ta’ l-UE;
- ► il-promozzjoni ta’ żoni ħodor in ġenerali, għaliex l-aħdar qatt mhu biżżejjed għal kwalunkwe belt Ewropea.

**L-inġinerija ċivili** qiegħda fil-biċċa l-kbira tersaq lil hinn mill-integrazzjoni mal-kapaċitajiet tan-natura. Xi materjali li għadhom użati sew fl-Ewropea, bħall-injam eżotiku, ma misshomx jintużaw. L-għażla tal-materjali tal-bini trid tqis il-konsum sew ta' l-enerġija u sew tar-riżorsi. Jeżisti għarfien aħjar, imma l-*lobbies* tal-bini u kuxjenza pubblika fqira jappoġġjaw dawn il-metodi insostenibbli eżistenti. Ir-rendiment u l-użu ta' l-ispazju mibni aħħari irid ukoll jitqies, f'termini ta' insulazzjoni termali u kontra l-istorbju, l-emissjonijiet ta’ partikuli perikolużi, id-durabbiltà, u l-potenzjal għall-użu mill-ġdid ta’ l-elementi mibnija. Fil-fehma tagħna, dawn li ġejjin għandhom jiġu indirizzati mir-riċerka ta’ l-UE:

- ► L-introduzzjoni ta’ definizzjonijiet ċari u oġġettivi tas-sostennibbiltà / ir-rendiment u d-durabbiltà ambjentali tal-materjali u t-teknika varja użati għall-bini.

► It-tixrid ta’ l-għarfien u l-inkoraġġiment ta’ modi ta’ għixien aktar sostenibbli.
► Il-promozzjoni ta’ bini aktar sostenibbli permezz tat-tassazzjoni – it-taxxi għandhom jirriflettu l-ammont attwali ta’ l-enerġija u r-riżorsi wżati fl-industrija tal-bini.
► L-implimentazzjoni tas-sejbiet tar-riċerka dwar l-ergonomija, il-psikoloġija, u l-benessri ġenerali fil-bini.
► Il-promozzjoni konsistenti ta’ regolamenti anti-siżmiċi f’pajjiżi fejn huma meħtieġa.
► Integrazzjoni aħjar mal-lobbies tal-bini sabiex il-bini jibda jsir b’mod aktar sostenibbli

**Siti *brownfield*** huma biċċiet ta’ art abbundanati li qabel kienu jintużaw għal għanijiet industrijali u llum jippreżentaw riskji ambjentali u sanitarji serji. Ir-riċerka sponsorjata mill-UE għandha tagħfas fuq li ssib modi kif:
► Tiżviluppa teknoloġiji effiċjenti u inqas għaljin sabiex jitnaddfu l-ilma u l-ħamrija mniġġsa.
► Tintegra l-prassi varja ta’ l-ippjanar tar-reklamazzjoni tas-siti *brownfield*, (sistemi ta’ tassazzjoni għandhom jintużaw biex jinstabu r-riżorsi meħtieġa)
► Jiġu ddeterminati l-aħjar użi alternattivi għaż-żoni reklamati u l-investituri jiġu inkoraġġati jużawhom.
► Jixterdu l-eżempju u l-prassi t-tajba.

**<u>Konklużjonijiet dwar il-Wirt Kulturali</u>**
Il-kontinent Ewropew għandu wirt kulturali enormi. Dan iqiegħed piż ta’ repsonabbiltà kbira fuq il-pajjiżi tagħna f’dak li għandu x’jaqsam mal-preżervazzjoni u l-valorizzazzjoni tal-wirt tagħna.

B’wirt kulturali, nifhmu kemm il-wirt tanġibbli bħall-monumenti, il-bini jew il-fdalijiet arkeoloġiċi, kif ukoll dak il-wirt bħall-ilsien, il-letteratura, il-mużika, l-arti, it-tradizzjonijiet, l-għanijiet, iż-żifniet u oħrajn. Nemmnu li l-identità kulturali tinbet mill-wirt kulturali. L-identità kulturali ssaħħaħ il-komunitajiet u l-ibliet u tista’ twassal għal aktar rispett forst il-popli differenti Ewropej.
Minkejja r-riżorsi kollha allokati lil dan is-settur, hemm parti konsiderevoli tal-wirt kulturali Ewropew li jew qed tinqered jew inkella qiegħda f’riskju serju. L-aktar punt kritiku huwa li t-telfien tal-wirt kulturali huwa irriversibbli – dak li jintilef ma jistax jinġieb lura.

Stħarriġna l-proġetti ffinanzjati mill-UE li rriċerkaw diversi temi bħall-effetti tat-tibdil fil-klima, it-tniġġis u aspetti negattivi oħra fuq il-wirt kulturali. Nifhmu li dawn il-proġetti ġabu titjib importanti għal numru ta’ oġġetti storiċi.

✓ Madankollu, inħossu li l-UE għandha ssib modi kif ixxerred aktar effettivament l-effett tanġibbli tal-proġetti ta' riċerka li tiffinanzja.

✓ Madankollu, billi l-ħarsien tal-wirt kulturali s-soltu jkun settur fejn ir-riżorsi huma limitati ħafna, l-UE tista’ tipprovdi finzjament sabiex ikun aktar faċli l-applikar mill-ġid f’postijiet oħra tar-riżultati miksuba bis-saħħa tar-riċerka ffinanzjata mill-UE.

- ✓ Aħna kontra s-segregazzjoni tal-wirt kulturali mill-ħajja ta' kuljum u min-nies. Il-preżervazzjoni tal-wirt kulturali ma tistax tirnexxi fuq il-livell ta' l-UE u dak nazjzonali mingħajr ma tiġi appoġġjata (jew xprunata) mil-livell lokali. Madankollu, l-UE tista' tesplora modi kif tista' tfiehem il-preżervazzjoni tal-wirt kulturali liċ-ċittadini individwali biex jikkontribwixxu għaliha. Dan jista' jkun mod ta' kif il-wirt kulturali jinġieb eqreb lejn in-nies – iħossuhom parti minn ħaġa li qed jgħinu fil-preżervazzjoni tagħha. Dan għandu jibda mit-tfal. Jekk in-nies ma jifhmux l-importanza tal-preżervazzjoni tal-wirt kulturali, is-soluzzjonijiet tekniċi waħedhom mhumiex se jsolvu l-problemi.

- ✓ Ir-riċerka dwar il-wirt kulturali li ġiet ippreżentata lilna kienet soġġettiva ħafna - i.e titratta fil-biċċa l-kbira kwistjonijiet tekniċi, bħall-effett tat-tniġġis fuq il-wirt kulturali, il-bidla klimatika, eċċ. Filwaqt li nagħrfu l-importanza kbira tar-riċerka dwar dawn l-aspetti, inħossu li r-riċerka fil-ġejjieni għandha tagħfas aktar fuq il-kwistjonijiet li ġejjin:
  - l-impatt tal-pressjonijiet ekonomiċi,
  - il-migrazzjoni tan-nies u l-effett tal-konsumiżmu fuq il-wirt kulturali.

Ir-riċerka Ewropea trid tiffoka aktar fuq l-integrazzjoni sostenibbli tal-wirt kulturali fil-ħajja ta' kuljum.